**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 710/2007 AF**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni**

**u**

**Avukat Generali li fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza GO p.l.c. u Mobisle Communications Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Vodafone Malta Ltd li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-Unjoni Ewropea tirregola s-settur tal-komunikazzjonijiet elettronici permezz ta' sensiela ta' direttivi li jorbtu l-istat membri tal-Unjoni biex jimplementaw suq liberu f'dan is-settur.

Id-Direttiva 2002/20 ("The Authorisation of Electronic Communications networks and services Directive" – The

Authorisation Directive), u senjatament l-artikoli 12 u 13 tal-istess, tirrestringi l-hlasijiet amministrattivi li jistghu jkunu mposti fuq imprizi li jfornu servizz jew infrastruttura f'dan is-settur u kif ukoll l-hlasijiet li jistghu jkunu mposti ghad-drittijiet ghal uzu ta' rizorsi skarsi jew limitati (bhal hlasijiet ghal uzu tal-frekwenzi tar-radju).

Id-Direttiva timponi li l-imposti amministrattivi ghandhom ikunu limitati ghall-ispiza attwali tar-regolatur biex jiggestixxi s-sistema ta' awtorizzazzjoni u biex jalloka d-dritt ta' uzu; u ghalhekk Stati Membri huma projbiti milli jimponu oneri finanzjarji ohra apparti dawk permessi fl-istess Direttiva, kif anke gie kkonfermat mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja.

Bid-Direttiva Nru. 2 tal-2005 tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, l-istess Awtorità stabbiliet procedura u obbligu fuq is-socjetà rikorrenti biex thallas ammont elevat ghal f'fond ghall-intercettazzjoni legali sabiex b'hekk tissussidja l-operat ta' tali sistema da parti tas-Servizz tas-Sigurtà (stabbilit taht il-Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-effett ta' tali legislazzjoni effettivament hija li timponi taxxa jew mizata gdida fuq is-servizzi tat-telefonija cellulari li tmur kontra l-iskop hekk kif espost fid-Direttivi Ewropeja u kif traspost fil-ligi Maltija.

Ghalhekk it-taxxa jew mizata giet imposta bi ksur tal-istess Direttivi.

Dawn id-Direttivi huma inkondizzjonati, cari u precizi tant li jilhqu r-rekwiziti biex ikollhom effett dirett fl-iStati Membri tal-Unjoni Ewropea, inkluz Malta, u ghaldaqstant kull persona tista' tavvalixxi ruhha mid-drittijiet u obbligi li johorgu minn tali Direttivi.

Is-socjetà rikorrenti hija operatur ta' servizzi ta' telefonija cellulari u ghandha l-awtorizzazzjonijiet kollha mehtiega fil-ligi biex topera f'dan is-settur, u ghat-tenur u b'konsegwenza tal-fuq imsemmija Direttiva tal-Awtorità intimata, ser tigi kostretta

thallas taxxi u mizati li ma humiex permessi skond id-Direttiva Ewropea fuq citata.

Ghalhekk id-Direttiva tal-Awtorità giet pubblikata bi ksur tad-Direttiva Ewropea fuq imsemmija u bi ksur tal-obbligu mpost fuq l-iStat ta' Malta taht it-Trattat ta' Adezjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ai termini tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta), li jorbot l-iStat ta' Malta u l-organi amministrattivi tieghu u jdahhal fis-sehh fil-ligi Maltija d-Direttivi Ewropej fuq imsemmija, fost ohrajn.

L-Artiklu 65(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirrikjedi li l-ligijiet u regolamenti maghmula f'Malta jkunu konsonanti mal-obbligi ta' Malta taht it-Trattat ta' Adesjoni mal-Ewropa.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara null u bla effett id-Direttiva Nru. 2 tal-2005 tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni billi *ultra vires* il-poteri tal-istess Awtorità ghat-tenur tal-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni u lesiv u in konflitt mad-Direttiva 2002/20 tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll in konflitt mal-obbligi ta' Malta naxxenti mill-istess Direttiva u imposti bit-Trattat ta' Adesjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u bil-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif spjegat hawn fuq;

   B'riserva ta' kull dritt spettanti lir-rikorrenti ghar-rifuzjoni ta' kull hlas minnha maghmul meta ma kienx legalment dovut.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, illi l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradditur ghall-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kap. 12. Dan peress illi l-kawza hija diretta biex timpunja d-

Direttiva numru 2 ta' l-2005 ta' l-Awtorità ta' Malta Dwar il-Kommunikazzjoni illi nharrget mill-istess Awtorità u m' hux mill-esponent.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni, in kwantu diretta biex timpunja d-Direttiva ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni dwar il-mod kif ghandha ssir u tigi mhallsa l-intercettazzjoni legali f'Malta abbazi ta' allegata inkompatibilita mad-Direttiva 2002/20/EC ('Authorisation Directive') hija karenti minn fondamet guridiku billi s-sistema ta' intercettazzjoni legali hija mizura mehuda mill-Istat sabiex jiżgura l-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu ta' sigurtà u s-sistema ta' gbir tal-flus ghall-fond ghall-intercettazzjoni legali mhux regolata mill-qafas tad-Direttivi li jikkoncernaw r-regolamentazzjoni tan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi inkluz l-*Authorisation Directive* citata mis-socjetà rikorrenti.

F'dan ir-rigward l-esponent jirreferi ghar-*Recital* numru 7 tad-Direttiva 2002/21/KE (il-*Framework Directive* ossia id-Direttiva dwar kwadru regolatorju komuni għan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi) li jaghmilha cara li d-Direttivi kollha li jikkoncernaw ir-regolamentazzjoni tan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, inkluza ghalhekk l-*Authorisation Directive (2002/20/KE)* saru :

> "mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li kull Stat Membru jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu ta' sigurtà, biex jissalvagwardja l-politika pubblika u s-sigurtà pubblika, u biex jippermettu l-investigazzjoni, l-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, nkluż it-twaqqif ta' awtoritajiet nazzjonali regolatorji ta' obbligazzjonijiet speċifiċi u proporzjonali applikabbli għall-provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi."

Dan ifisser li skond ir-*recital* 7 tal-*Framework Directive*, Stat Membru jista' nonostante d-dispozizzjonijiet li hemm kemm fl-istess *Framework Directive* kif wkoll fid-direttivi l-ohra li jirregolaw il-komunikazzjonijiet elettronici - nkluz b'mod specifiku ghal kaz in kwisjtoni l-artikoli 12 u 13 ta' l-

*Authorisation Directive* - jistabbilixxi obligazzjonijiet specifici fuq provdituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici fejn dan hu mehtieg biex l-Istat jiżgura l-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu ta' sigurtà, biex jissalvagwardja l-politika pubblika u s-sigurtà pubblika, u biex jippermetti l-investigazzjoni, l-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

Ghalhekk ma hemm xejn fid-Direttiva tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni illi s-socjetà rikorrenti qeghda tippretendi li timpunja permezz ta' din il-kawza illi jmur kontra d-Direttiva 2002/20/KE stante li dak li jista' jaghmel l-Istat dwar l-intercettazzjoni legali m'huwiex pregudikat mill-kwadru tar-regolament tal-kommunikazzjonijiet elettronici fuq livell kommunitarju. Di più, is-sistemja ta' spartizzjoni ta' spejjez adoperata f'Malta hija wahda li topera abbazi ta' dispozizzjonijiet li huma specifici u proporzjonati kif kontemplat fl-imsemmi Recital 7 tal-imsemmija Framework Directive (2002/21/KE).

Subordinatament u minghajr pregudizzju, illi l-hlas ghas-servizz ta' intercettazzjoni huwa necessarju sabiex l-operaturi tat-telefonija cellulari ikunu jistghu joperaw minghajr ma jkunu ta' xkiel serju ghall-ordni pubbliku u ghalhekk tali hlas huwa direttament konness mal-amministrazzjoni u mar-regolament ta' dan is-settur u huwa ghalhekk permess bl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20/EC li specifikament jippermetti illi l-operaturi jhallsu tal-ispejjez amministrattivi nkorsi fl-immaniggjar, kontroll u enforzar tal-iskemi ta' awtroizzazzjonijiet generali. Inoltre l-paragrafu 3 tar-Recital tad-Direttiva 2002/20/EC jipprovdi bhala oggett tad-Direttiva l-kreazzjoni ta' qafas legali sabiex jassigura l-provvediment ta' networks u servizzi fil-komunikazzjoni elettronika izda cio' nonostante, l-istess paragrafu jipprovdi illi tali oggettiv huwa suggett ghall-kundizzjonijiet illi tipprovdi l-istess Direttiva u ghal kull restrizzjoni ohra illi hija konformi ma' l-Artikolu 46 (1) tat-Trattat. Dawn ir-restrizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 46(1) tat-Trattat jinkludu mizuri ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika u sahha pubblika u ghalhekk l-applikazzjoni tad-Direttiva hija dejjem soggetta ghal dak li jkun mehtieg li jsir biex jigi salvagwardjat l-ordni pubbliku bhal ma huwa l-kaz tal-intercettazzjoni legali.

Subordinatament u minghajr pregudizzju l-kontribuzzjoni imposta ai fini tal-fond ghall-intercettazzjoni legali (li hija espressament kontemplata fl-Artikolu 13 tal-Avviz legali 412/2004) hija permissibli ukoll ai termini ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess Direttiva 2002/20/EC kif ukoll ai termini tal-paragrafu 11 ta' l-Annex A tad-Direttiva, dan peress illi:

(a) billi l-Artikolu 13 tad-Direttiva huwa ntiz sabiex l-Istati Membri jimponu spejjez addizzjonali fil-kuntest tad-drittijiet ta' uzu ta' frekwenzi tar-radju kif ukoll sabiex jigu nstallati l-apparati necessarji kemm fuq proprjeta' pubblika u kemm privata sabiex wiehed ikun jista' jassigura l-ahjar uzu ta' dawn ir-rizorsi dan ifisser ukoll illi l-Istati Membri jistghu jimponu wkoll spejjez addizjonali jew kontribuzzjonijiet sabiex jistabilixxu procedura ta' qsim ta' spejjez sabiex jkunu jistghu jigu osservati l-obbligazzjonijiet ta' intercettazzjonijiet legali li l-impozizzjoni taghhom hija espressament permessa mid-Direttiva 2002/20/EC stess fil-paragrafu 11 tal-Annex A taghha;

(b) Il-paragrafu 11 ta' l-Annex A tad-Direttiva jipprovdi illi wahda mill-kondizzjonijiet ammissibbli ta' l-awtorizazzjoni generali hija sabiex ikun hemm '*enabling of legal interception by competent national authorities in conformity with Directive 97/66/EC and Directive 95/46/EC of the European Parliament and of the Council of 24 October 1995 on the protection of individuals with regard to the processing of personal data and on the free movement of such data*'. Dan jfisser ukoll bic-car u b'mod inekwivoku illi huwa possibli illi Istati Membri jistghu jimponu spejjez addizzjonali u kontribuzzjonijiet sabiex ikunu jistghu jrendu operabbli dina l-kundizzjoni.

L-esponent qieghed jecepixxi formalment illi l-artikolu 13 ta' l-Avviz Legali 412 ta' l-2004 huwa konformi u in linea mal-paragrafu 11 ta' l-Annex A kif ukoll mal-paragrafu 3 tar-Recital tad-Direttiva stante illi l-istess Direttiva ma tiddilinejax u ma targina bl-ebda mod kif l-awtoritajiet kompetenti jottemperaw ruhhom mad-dritt ta' intercettazzjoni provdut mill-istess Direttiva. Kull ma timponi d-Direttiva hija illi tali

intercettazzjoni trid issir izda ma tindikax, fuq livell kommunitarju, min ghandu jhallas ghal tali servizz u wisq anqas ma teskludi illi l-kontribuzzjonijiet ghal tali servizz jkollhom jithallsu mill- operaturi. Dan ifisser illi l-mod kif ikun regolat il-hlas ghas-servizz ta' intercettazzjoni huwa mholli f'idejn kull Stat Membru.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità intimata li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex il-gurisdizzjoni tiddikjara nulla u bla effett id-Direttiva Numru 2 tat-2005 ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni ('l-Awtorità') peress illi l-kontestazzjoni ta' din id-direttiva taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet ('il-Bord ta' l-Appelli') a tenur ta' l-artikolu 37 ta' l-Att ghat-Twaqqif ta' Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta), liema artikolu jaghti lis-socjetà rikorrenti d-dritt ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli minn kull decizjoni jew direttiva moghtija mill-Awtorità.

Minkejja li s-socjetà rikorrenti kellha dan ir-rimedju, hi però xorta wahda naqset milli tipprevalixxi ruhha minn dan ir-rimedju billi tikkontesta l-imsemmija direttiva quddiem il-Bord ta' l-Appelli fiz-zmien prefiss mill-ligi. Minflok is-socjetà rikorrenti ghazlet li tistitwixxi l-kawza odjerna.

Gialadarba ligi specjali kkreat makkinarju sabiex wiehed ikun jista' jattakka l-validità ta' decizjoni, u jew att amministrattiv ta' awtorità pubblika proprju kif kellha l-fakoltà li taghmel is-socjetà rikorrenti f'dan il-kaz fejn setghet tikkontesta l-imsemmija direttiva tal-Awtorità quddiem il-Bord ta' l-Appelli, hu sottomess li qorti ordinarja hija svestita milli tistharreg dak illi hu riservat ghal gurisdizzjoni ta' tribunal specjali – f'dan il-kaz il-Bord ta' l-Appelli.

Preliminarjament, subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta, gialadarba s-socjetà rikorrenti qed tikkontesta il-validità tad-Direttiva Numru 2 tal-2005, l-azzjoni tal-istess socjetà rikorrenti hi tardiva peress li l-azzjoni li tattakka l-validità ta' l-imsemmija direttiva kellha isir fi zmien sitt xhur minn meta saret id-direttiva in kwistjoni u mhux aktar minn sena u nofs wara kif gara fil-kaz odjern.

L-imsemmi direttiva inharget mill-Awtorità fit-30 ta' Novembru 2005 (ara Dok. MCA1 - kopja tal-istqarrija tal-Awtorità dwar il-hrug ta' din id-direttiva) waqt li l-kawza odjerna giet intavolata f'Gunju 2007 u l-ittra ufficcjali ghan-nom tas-socjetà rikorrenti relatata mal-istess kwistjoni saret fis-16 ta' April 2007.

Preliminarjament, subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost l-Awtorità intimata mhix il-legittimu kuntradittur f'din l-azzjoni peress li r-rwol tal-Awtorità fir-rigward ta' l-intercettazzjoni legali fl-ambitu tat-talbiet kif dedotti mis-socjetà rikorrenti hija li tassisti lis-Servizz tas-Sigurtà fil-gbir tal-pagamenti dovuti minn dawk l-intrapizi li huma debitament awtorizzati biex jipprovdu xi servizz jew network ta' komunikazzjonijiet elettronici, u dan skond il-funzjonijiet ta' l-istess Awtorità kif imfassla fir-regolament 13 tar-Regolamenti dwar Networks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (hawn izjed 'il quddiem imsemmija bhala "l-Avviz Legali 412 tal-2004", - ara Dok. A2 anness mar-rikors tas-socjetà rikorrenti liema dokument hu estratt ta' l-imsemmija regolamenti) u wkoll kif jirrizulta b'mod l-aktar car mid-direttiva numru 2 tal-2005 li qed tigi impunjat liema direttiva tipprovdi li:

> "The purpose of this Directive is to define a cost sharing mechanism for legal interception obligations, and establish the manner in which contributions are paid, as provided by Regulation 13 of the Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations....
>
> Provided that the Authority shall in collecting any amounts in accordance with this Directive be deemed to be acting for

and on behalf of the Security Service." (ara Dok. A4 anness mar-rikors tas-socjeta rikorrenti, it-tieni klawzola) .

Issir ukoll riferenza ghal-klawsola 8 tal-*"Memorandum of Understanding"* li tirregola r-relazzjoni bejn l-Awtorità u s-Servizz tas-Sigurtà fil-kuntest tal-intercettazzjoni legali (ara Dok. MCA2 estratt tal-memorandum of understanding fejn estratt jirriproduci din il-klawsola) fejn jirrizulta li l-Awtorità hija awtorizza tabiex tigbor il-hlasijiet dovuti mill-intraprizi ghas-sistema ta' l-intercettazzjoni legali biex imbaghad tghaddi l-hlasijiet migbura lis-Servizz tas-Sigurtà sabiex l-istess Servizz tas-Sigurtà tkun tista' thallas lill-fornituri tas-sistema tal-intercettazzjoni legali.

Is-sistema ta' l-intercettazzjoni legali hija l-propjetà tas-Servizz tas-Sigurtà u hija operata minnha ai termini ta' l-artikoli 6 u 7 ta' Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mis-suespost jirizulta bic-car li l-gbir tal-hlasijiet in kwistjoni qed isir ghan-nom tas-Servizz tas-Sigurtà u ghalhekk l-imsemmija hlasijiet ma humiex qed jsiru f'ambitu ta' xi funzjoni regolatorja ta' l-Awtorità a tenur ta' l-artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20/EC (l-*Authorisation Directive* ta' l-Unjoni Ewropea). Ghalhekk il-proceduri odjerni qatt ma kellhom isiru fil-konfront tal-Awtorità.

L-Awtorità wkoll ma tistax titqies li hi l-legittimu kontradittur ghaliex id-direttiva mertu ta' dawn il-proceduri inharget regolarment a tenur tal-poteri moghtija lill-Awtorità skond il-ligi u dan kif jirrizulta kemm mill-artikolu 4(6) tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta u mir-regolament 13 ta' l-Avviz Legali 412 tal-2004. Illi difatti r-regolament 13 espressament jipprovdi li l-Awtorità ghandha tiddefinixxi l-htigijiet teknici u operattivi biex tkun tista' ssir intercettazzjoni legali, u li f'dan ir-rigward intrapiza ghandha ghas-spejjez taghha tikkonforma ma' htigijiet kif jigu definiti mill-Awtorità. L-istess regolament ikompli jispecifika li l-Awtorità tista' wkoll "tintroduci mekkanizmu biex l-ispejjez ta' obbligazzjonijiet ta' intercettazzjoni jinqasmu meta l-Awtorità tqis li dan ikun hekk xieraq."

Se mai il-proceduri kellhom jittiehdu fir-rigward tad-dispozizzjonijiet tal-ligi li taw l-poter lill-Awtorità li tohrog id-direttiva in kwistjoni u mhux kontro d-direttiva per se.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-procedura stabbilita mid-direttiva Numru 2 tal-2005 kontestata mis-socjetà rikorrenti hi *intra vires* il-poteri ta’ l-Awtorità ghaliex inharget mill-Awtorità a tenur tal-poteri moghtija lilha skond l-artikolu 4 tal-Kap.418 u abazi ta' dak li hu pprovdut fir-regolament 13 ta' l-A.L. 412 tal-2004 (ara wkoll id-dok A2 ipprezentat mis-socjetà rikorrenti). Ir-regolament 13 ta’ l-istess Regolamenti jipprovdi kif gej:

> 13. (1) L-Awtorità ghandha tiddefinixxi l-htigiet teknici u operattivi biex tkun tista’ ssir intercettazzjoni legali tal-komunikazzjoni elettronika mill-awtoritajiet kompetenti skond kull ligi li tippermetti u tirregola intercettazzjoni legali bhal dik: ...."

Is-subregolament (2) tar-regolament 13 imbaghad jipprovdi li:

> “(2) Ghandha intrapiza ghas-spejjez taghha, tikkonforma ruhha ma’ dawk il-htigiet li jistghu jigu definiti mill-Awtorità taht is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:
>
> Izda l-Awtorità tista’ tintroduci mekkanizmu biex l-ispejjez ta' obbligazzjonijiet ta' intercettazzjoni jinqasmu meta l-Awtorità tqis li dan ikun hekk xieraq.” (il-bold print hi ta’ l-Awtorità).

L-Awtorità a tenur ta’ l-artikolu 4(6) tal-Kap. 418 ghandha is-setgha li:

> “tista' tohrog dawk id-direttivi li tista' tqis bhala mehtiega sabiex jibdew isehhu jew ikun hemm konformità ma’ kull disposizzjoni ta’ dan l-Att, jew ta' kull ligi ohra li l-Awtorità ikollha jedd tinforza, jew decizjonijiet li l-Awtorità tista’ taghmel skond il-funzjonijiet taghha taht dan l-Att jew kull ligi ohra u l-Awtorità tista’ temenda jew tirrevoka dawk id-direttivi.”

Ghalhekk hu sottomess li l-Awtorità meta harget l-imsemmija direttiva aggixxiet *intra vires* a tenur tal-poteri moghtija lilha skond il-ligi. Illi wiehed ma jistax jattakka azzjoni amministrattiva ghaliex hi *ultra vires* – f'dan il-kaz allura id-direttiva ta' l-Awtorità mertu ta' dawn il-proceduri - jekk l-istess direttiva inharget regolarment u skond il-parametri tal-ligi. Ir-rimedju bir-rispett f'dan il-kaz certament mhux u qatt ma kellu jkun, li wiehed jattakka d-direttiva imma se mai il-ligi li a bazi taghha aggixxiet l-Awtorità.

Is-socjetà rikorrenti qed torbot l-argument taghha mas-sottomissjoni taghha li d-direttiva numru 2 ta' 2005 li tirregola l-procedura ghal-hlas tal-fond ghall-intercettazzjoni legali hija kunfliggenti ma l-artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE (l-*Authorisation Directive*).

L-Awtorità tissottometti illi l-artikoli 12 u 13 ta' l-*Authorisation Directive* ma japplikawx ghall-kaz odjern peress li s-sistema ta' intercettazzjoni legali hija mizura mehuda mill-Istat sabiex tizgura l-protezzjoni ta' l-interessi taghha ta' sigurtà u ghalhekk is-sistema ta' gbir tal-flus ghall-fond ghall-intercettazzjoni legali mhix regolata mill-qafas tad-Direttivi li jikkoncernaw r-regolamentazzjoni tan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettronici inkluz allura wkoll l-*Authorisation Directive* citata mis-socjetà rikorrenti liema direttiva taghmel parti minn dan il-qafas.

B'mod aktar specifiku ssir referenza ghar-*Recital* 7 tad-Direttiva 2002/21/KE (il-*Framework Directive* ossia id-Direttiva dwar kwadru regolatorju komuni ghan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettronici). Ir-recital 7 taghmilha cara li d-Direttivi li jikkoncernaw ir-regolamentazzjoni tan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettronici inkluz l-*Authorisation Directive* huma:

> "minghajr pregudizzju ghall-possibiltà li kull Stat Membru jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizgura l-protezzjoni ta' l-interessi tieghu ta' sigurtà, biex jissalvagwardja l-politika pubblika u s-sigurtà pubblika, u biex jippermettu l-investigazzjoni, l-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, nkluz it-twaqqif ta' awtoritajiet nazzjonali regolatorji ta'

obbligazzjonijiet specifici u proporzjonali applikabbli ghall-provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici." (ara dok MCA3 kopja tal-*Framework Directive*) (il-bold print hi ta' l-Awtorità).

Dan ifisser li skond ir-*recital* 7 tal-*Framework Directive*, Stat Membru jista' b'eccezzjoni ghad-dispozizzjonijiet li hemm kemm fl-istess Framework Directive kif wkoll fid-direttivi l-ohra li jirregolaw il-komunikazzjonijiet elettronici - nkluz b'mod specifiku ghal kaz in kwistjoni l-artikoli 12 u 13 ta' l-*Authorisation Directive* - jistabbilixxi obligazzjonljiet specifici fuq provdituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici fejn dan hu mehtieg biex l-Istat jizgura l-protezzjoni ta' l-interessi tieghu ta' sigurtà, biex jissalvagwardja l-politika pubblika u s-sigurtà pubblika, u biex jippermettu l-investigazzjoni, l-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Issir wkoll riferenza ghall-verzjoni Ingliza ta' l-imsemmrja *recital* li tghid li kull Stat Membru jista' jiehu: "the necessary measures to ensure the protection of the essential security interests....to permit the investigation, detection and prosecution of criminal offences, including the establishment by national regulatory authorities of specific and proportional obligations to providers of electronic communications services."

F'dan ir-rigward jigi rilevat li s-sistema ta' intercettazzjoni legali implimentata mis-Servizz tas-Sigurtà, hija wahda mill-ghodda li qed tintuza sabiex Malta tilhaq proprju dawn oggettivi hekk kif deskritti fir-*Recital* 7 gia citata. Illi ghalhekk il-hlasijiet li qed jigu imposti fuq l-operaturi ghall-iskopijiet ta' l-intercettazzjoni legali ma jaqghux fl-ambitu tal-limitazzjonijiet imposti mill-Artikoli 12 u 13 ta' l-*Authorisation Directive*.

Jigi rilevat f'dan ir-rigward li l-Gvern Malti f'Lulju 2004 kien anke ghamel konsultazzjoni mal-partijiet koncernati nkluz is-socjetà rikorrenti, proprju dwar il-mizuri fir-rigward ta' l-ispejjez ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' intercettazzjoni legali liema mizuri sussegwentement gew riflessi fir-regolament 13 ta' l-A.L. 412 tal-2004 (ara dok MCA6 ittra mill-ufficju tal-Prim Ministru lil Vodafone u dok MCA7 estratt ta' dokument ta' konsultazzjoni mahrug mill-Gvern f'Lulju 2004). Illi ghal kull bon fini l-legislazzjoni Maltija f'dan ir-rigward gie anke

sottomessa lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropeja ftit wara li saret u qatt ma gie rilevat mill-istess Kummissjoni li ligi Maltija f'dan il-kuntest kienet kontra r-rekwisiti ta' l-istess Unjoni Ewropeja.

Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikoli 12 u 13 ta' l-*Authorisation Directive* huma intizi biex jirregolaw dawk il-"hlasijiet amministrattivi" u "tariffi ghad-drittijiet ta' uzu u drittijiet ghall-installazzjoni ta' facilitajiet" li jistghu jigu imposti fil-konfront ta' l-intrapizi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettronici ghall-awtorizzazzjoni generali u drittijiet ta' uzu u installazjoni ta' facilitajiet, u dawn a distinzjoni ta' l-"lawful interception fees" li ghal kuntrarju huma hlasijiet ghas-sistema ta' intercettazzjoni legali operata mis-Servizz ta-Sigurtà. Illi ghalhekk l-artikoli 12 u 13 ta' l-*Authorisation Directive* ma jistghux jigu interpretati b'tali mod li jeskludu l-poter tal-awtoritajiet kompetenti li jesigu hlasijiet ohra fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettronici, ossia hlasijiet ghall-intercettazzjoni legali, li mhumiex hlasijiet amministrattivi li allura jistghu jaqghu taht l-ambitu ta' l-artikoli 12 u 13 ta' l-*Authorisation Directive*.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ispejjez inkorsi mill-intraprizi fir-rigward ta' l-intercezzloni legali jemanu minn kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni generali rizultanti mir-rekwiziti ta' l-istess *Authorisation Directive* li biex intrapriza tipprovdi servizzi u,jew networks ta' komunikazzjonijiet elettronici, irid ikun hemm da parti tal-istess intrapriza:

> "Enabling of legal interception by competent national authorities in conformity with Directive 97/66/EC and Directive 95/46/EC of the European Parliament and of the Council of 24 October 1995 on the protection of individuals with regard to the processing of personal data and on the free movement of such data."
> (ara dok A3 anness mar-rikors tas-socjetà rikorrenti u cioè kopja ta' l-Authorisation Directive - ara l-anness ghall-istess Direttiva it-Taqsima A il-paragrafu 11).

F'dan il-kuntest jigi rilevat li rekwizit kwazi simili hu rifless wkoll fil-ligi Maltija fejn allura it-Tnax-il Skeda ta' l-A.L. 412 tal-

2004 (ara it-Taqsima 2 Parti B, is-subparagrafu 6.1) tipprovdi li:

> "6.1 L-intrapriza awtorizzata ghandha tikkonforma ruhha mal-htigijiet kollha relatati ma' xi intercettazzjoni legali kif jista' jkun stabbilit taht l-Att."

Ghalhekk intrapriza awtorizzata biex tipprovdi servizzi u, jew *networks* ta' komunikazzjonijiet elettronici, bhalma hi s-socjetà rikorrenti hija obbligata li tosserva l-obligazzjonijet tal-hlas tas-sistema ta' l-intercettazzjoni legali a tenur kemm ta' regolament 13 tal-A.L 412 tal-2004 u tad-direttiva numru 2 tal-2005 kontestata mis-socjetà rikorrenti.

L-Awtorità taghmel referenza ghal-paragrafu erbgha tar-rikors promotur u tirrespingi d-deduzzjonijiet maghmula mis-socjetà rikorrenti li l-ammont imhallas huwa wiehed eccessiv. Illi wiehed mir-ragunijiet ewlenin li ghalihom giet adotatta s-sistema ta' "unified legal intercept" kien proprju dak ta' "cost efficiency" u dan anke kif jirrizulta mill-istess Direttiva Numru 2 tal-2005 impunjata mis-socjetà rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti inkluz dawk tal-kontro-protest datat it-30 ta' April 2007 u pprezentat mill-Awtorità intimata kontra s-socjetà rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2008 din il-Qorti laqgħet it-talba ta' GO p.l.c. u Mobisle Communications Limited sabiex jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*.

Rat is-sentenza preliminari tat-18 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħha din il-Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorità intimata.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara nulla id-Direttiva numru 2 tal-2005 maħruġa mill-Awtorità intimata (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'id-Direttiva 2/2005'). Dan għaliex l-attriċi tikkontendi li din id-direttiva hija *ultra vires* il-poteri tal-istess Awtorità a tenur tal-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll in konflitt mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, senjatament id-Direttiva 2002/20/KE u allura saret bi ksur tal-obbligi ta' Malta imposta bit-Trattat ta' Adesjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u bil-Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi f'Novembru tal-2005 l-Awtorità intimata ppublikat id-Direttiva 2/2005 dwar il-modalitajiet ta' ħlas għall-kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż ta' sistema ta' intercettazzjoni legali għas-Servizz tas-Sigurtà. Permezz tad-direttiva tagħha, l-Awtorità intimata imponiet fuq operaturi fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika l-obbligu li jħallsu għas-sistema meħtieġa mis-Servizz tas-Sigurtà sabiex l-imsemmi Servizz ikun jista' jagħmel interċettazzjoni legali ta' komunikazzjoni elettronika. Din id-direttiva baqgħet fis-seħħ sas-sena 2012, u ċioè sa meta ġiet revokata permezz tad-Direttiva numru 1 tal-2012 tal-Awtorità intimata.

Il-ħlas li kellu jsir minn kull operatur kellu jkun kalkolat mill-Awtorità kull sena skont il-qliegħ gross tal-istess operatur. L-Awtorità intimata kienet għamlet eżerċizzju ta' konsultazzjoni mal-operaturi fis-settur qabel ma daħlet fis-seħħ l-imsemmija direttiva fejn l-operaturi kellhom l-opportunita jagħmlu domandi u jesprimu t-tħassib tagħhom dwar it-tħaddim tal-fond maħluq permezz tad-direttiva. L-Awtorità kienet imbagħad wieġbet għall-kummenti magħmula mill-imsemmija operaturi li pparteċipaw fil-konsultazzjoni.

Id-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2/2005 kienu jipprovdu:

*"...*

*2. The purpose of this Directive is to define a cost sharing mechanism for legal interception obligations, and establish the manner in which contributions are paid, as provided by Regulation 13 of the Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations in furtherance of article 34(1)(r) of the Electronic Communications (Regulations) Act.*

*Provided that the Authority shall in collecting any amounts in accordance with this Directive be deemed to be acting for and on behalf of the Security Service.*

*3. In this Directive unless the context otherwise requires:*

*...*

*"contributions" means any amount due or paid to the Authority acting on behalf of the Security Service for the purpose of contributing to the cost of legal interception obligations;*

*"cost of legal interception obligations" means the cost for the design, supply, installation, implementation, commissioning, lease, use and maintenance of the Unified Lawful Interception (hereinafter referred to as the ULI) System by the Security Service;*

*"legal interception fund" means the fund established for the sole purpose of sharing the cost of legal interception obligations;*

*...*

*"undertaking" means a person providing or authorised to provide electronic communications networks and, or, services or associated facilites.*

*...*

*4. A legal interception fund for the sole purpose of sharing the cost of legal interception obligations shall be established and administerd by the Authority.*

*5. The fund shall be administered on an annual basis and undertakings shall be required to contribute to this fund in proportion to their total gross revenues from relevant services for any relevant year. The Authority shall keep under review the sharing mechanism in order to ensure that contributions to the fund respect the principles of non-discrimination and proportionality.*

*6. The Authority shall in advance determine the respective contributions to the fund of every undertaking on the basis of the projected cost of interception obligations. For this purpose th Authority shall issue a statement to every undertaking specifying the contributions due.*

*...*

*11. The Authority in accordance with the requirements under Regulation 13(3) of the Regulations in adherence to the principles of transperancy, non-discrimination and proportionality, shall publish an overview of the contributions and legal interception costs by not later than six months following the 31st December of each relevant year:*

*Provided that the first such overview shall cover the period 1 January 2006 to 31 December 2006;*

*Provided further that the Authority shall also publish an overview of projected contributions and legal interception costs by not later than 30 days from the date on which the Authority first issues the statements referred to in article 6 of this Directive."*

L-artikolu 34(1)(r) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta), illum l-artikolu 47(1)(r) tal-imsemmi Att jaqra hekk:

*"Il-Ministru jista', jew bir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità jew b'inizjattiva tiegħu nnifsu wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari sabiex:*

*(r) jirregolaw l-obbligi, inklużi obbligi finanzjarji, ta' impriżi għar-rigward ta' interċettazzjoni legali;"*

Ir-regolament numru 13 tar-Regolamenti dwar Networks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali), illum ir-regolament numru 86, jiddisponi hekk[1]:

*"(1) L-Awtorità għandha tiddefinixxi l-ħtiġiet tekniċi u operattivi meħtieġa biex tkun tista' ssir interċettazzjoni legali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mill-awtoritajiet kompetenti skont kull liġi li tippermetti u tirregola interċettazzjoni legali bħal dik:*

*Iżda meta l-Awtorità tkun qegħda tagħmel dan, hija għandha timmottiva l-ħtiġiet tekniċi u operattivi li tiddefinixxi u għandha tara li tiżgura li l-ispejjeż kollha li l-intrapriżi jista' jkollhom jagħmlu biex jissodisfaw dawk il-ħtiġiet li hija tista' tistabbilixxi, jkun raġonevoli u ġustifikati.*

*(2) Għandha intrapriża, bi spejjeż tagħha, tikkonforma ruħha ma' dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu definiti mill-Awtorità taħt is-subregolament (1):*

*Iżda l-Awtorità tista' tintroduċi mekkaniżmu biex l-ispejjeż ta' obbligi ta' interċettazzjoni jinqasmu meta l-Awtorità tqis li dan ikun hekk xieraq.*

*(3) Mekkaniżmu għall-qsim ta' spejjeż u kull fond assoċjat stabbilit taħt is-subregolament (2) jistgħu jkunu amministrati direttament mill-Awtorità jew minn korp indipendenti mill-kontributuri u l-benefiċjarji, taħt s-superviżjoni tal-Awtorità:*

---

1 Permezz tal-Avviż Legali 273 tal-2011 saru biss xi tibdiliet kosmetiċi f'dan ir-Regolament. Fis-sustanza tiegħu baqa' l-istess

*Iżda kull mekkaniżmu għall-qsim ta' spejjeż ibbażat fuq fond finanzjarju għandu jimxi skond il-prinċipji tat-trasparenza, ebda diskriminazzjoni u proporzjonalità.*

*(4) Dawk l-intrapriżi li li huma mitluba jikkontribwixxu għal xi fond finanzjarju stabbilit taħt is-subregolament (2) għandhom jagħmlu dan skond kull mekkaniżmu ta' qsim ta' spejjeż skond ma jista' jiġi stabbiliti mill-Awtorità."*

Is-soċjetà attriċi tikkontendi li d-Direttiva 2/2005 hija *ultra vires* għaliex saret bi ksur tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni).

Is-soċjetà attriċi tgħid li l-obbligi naxxenti fuqha u fuq operaturi oħra fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika a tenur tad-Direttiva 2/2005 tal-Awtorita intimata, li permezz tagħha operaturi huma obbligati jissussidjaw is-sistema meħtieġa mis-Servizz tas-Sigurtà għall-interċettazzjoni legali, effettivament jammontaw għal taxxa jew miżata ġdida bi ksur tad-Direttiva 2002/20/KE.

It-tielet *recital* tad-Direttiva 2002/20/KE jgħid hekk:

*"Il-mira ta' din id-Direttiva hija li jinħoloq qafas legali biex tiġi żgurata l-libertà li jiġu provduti networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, suġġetti biss għall-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva u għal kull restrizzjoni b'konformità ma' Artikolu 46(1) tat-Trattat, b'mod partikolari miżuri li jirrigwardaw il-politika pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika."*

L-ewwel artikolu ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

*"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jiġi mplimentat suq intern fin-networks u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz ta' l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-kondizzjonijiet ta'*

*awtorizzazzjoni sabiex jiġi faċilitat il -forniment tagħhom mal-Komunità kollha."*

Skont l-artikolu 2 tad-Direttiva, awtorizzazzjoni ġenerali tfisser:

*"qafas legali stabbilit mill-Istat Membru li jiżgura d-drittijiet għall-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li jistipula obbligi speċifiċi għas-settur li jistgħu japplikaw għat-tipi kollha jew għal tipi speċifiċi ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi, skond din id-Direttiva."*

Speċifikament, l-attriċi tikkontendi illi d-Direttiva 2/2005 maħruġa mill-Awtorità intimata tmur kontra d-disposizzjonijiet l-artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE li jaqraw hekk:

1. *'Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew network taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu, għandu:*

   *(a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet ta' użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija f'Artikolu 6(2), li jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas -suq, sorveljanza tal -konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u*

   *(b) jiġi mpost fuq impriżi ndividwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet li jġibu magħhom.*

2. *Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu ħlasijiet amministrattivi, għandhom jippublikaw rapport ta' kull sena ta' l-ispejjeż amministrattivi tagħhom u tas-somma*

*totali ta' ħlasijiet miġbura. Fid-dawl tad-differenza bejn is-somma totali tal-ħlasijiet u l-ispejjeż amministrattivi, għandhom isiru l-aġġustamenti xierqa.'*

U

"*L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill -awtorità relevanti li timponi tariffi għad-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jiġu stallati faċilitajiet fi , minfuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aqwa użu ta' dawn ir-riżorsi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni ma' l-iskop maħsub tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-miri f'Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru).*"

L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorità intimata ġew miċħuda permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti datata 18 ta' Ġunju 2013. Kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll l-Awtorità intimata jeċċepixxu wkoll illi mhumiex il-leġittimi kontradditturi għall-azzjoni tal-lum.

Il-Qorti ser tibda billi tqis il-posizzjoni tal-Awtorità intimata. In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001:

"*Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kinetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, il-Qorti trid bil-fors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha titwieled l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li*

*jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korretament f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozzju u allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża*."

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 rriteniet illi:

"*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport*."

Kif rilevat aktar 'il fuq intqal, jirriżulta li l-attriċi qiegħda tikkonesta direttiva maħruġa mill-Awtorità intimata. Da parti tagħha, l-Awtorità intimata targumenta li l-kontribuzzjonijiet li tiġbor u l-fond maħluq permezz ta' din id-direttiva hija tamministrahom biss għan-nom tas-Servizz tas-Sigurtà u għalhekk l-azzjoni tal-lum ma kellhiex tkun diretta lejha. Din il-Qorti ma taqbilx. Id-direttiva saret mill-Awtorità. Il-fond maħluq permezz tad-direttiva huwa amministrat mill-Awtorità. Huwa irrelevanti għal min kienu qegħdin jinġabru l-kontribuzzjonijiet għaliex kienet l-Awtorità wkoll li stabbiliet kif għandhom jigu kalkolati dawn il-kontribuzzjonijiet u li għandhom jintużaw sabiex tiġi finanzjata s-sistema tal-interċettazzjoni legali tas-Servizz tas-Sigurtà. Huwa proprju dak li qiegħda tattakka l-attriċi bil-kawża li qiegħda tiġi deċiża llum.

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Grace Sacco vs Onorevoli Prim Ministru et, tas-17 ta' Settembru 2003 irriteniet:

> *"L-Artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Dan l-artikolu ma jeħtieġx li l-kap tad-dipartiment in kwistjoni jkun ħa xi deċiżjoni fil-materja iżda biss li l-kap tad-dipartiment ikun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

L-eċċezzjoni tal-Awtorità intimata qegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Għar-rigward tal-Avukat Ġenerali, l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 jispeċifika li:

> *"L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Il-Qorti tqis illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu. Id-direttiva *de quo* saret mill-Awtorità intimata u l-fond in kwistjoni huwa amministrat minnha. In kwantu li s-soċjetà attriċi qegħda tattakka direttiva tal-Awtorità intimata u aġir allegatament *ultra vires* tal-istess Awtorità, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-kontradittur leġittimu u allura tħarrek inutilment. Peress illi qegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

Fil-mertu, l-Awtorità intimata teċċepixxi li l-proċedura stabbilita permezz tad-Direttiva 2/2005 hi *intra vires* il-poteri tagħha għaliex saret a tenur tal-poteri mogħtija lilha skont l-artikolu 4 tal-Kap. 418 u abbażi tar-regolament 13 tal-Avviż Legali 412 tal-2004.

L-artikolu 4(6) tal-Kap. 418 jaqra hekk:

*"L-Awtorità tista' toħroġ dawk id-direttivi li tista' tqis bħala meħtieġa sabiex jibdew iseħħu jew ikun hemm konformità ma' kull disposizzjoni ta' dan l-Att, jew ta' kull liġi oħra li l-Awtorità ikollha jedd tinforza, jew deċiżjonijiet li l-Awtorità tista' tagħmel skont il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew kull liġi oħra u l- Awtorità tista' temenda jew tirrevoka dawk id-direttivi."*

Il-Qorti hija tal-istess fehma. Madanakollu l-attriċi mhijiex tgħid illi d-direttiva saret *ultra vires* il-poteri tal-Awtorità bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, imma bi ksur tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Unjoni Ewropea.

L-Awtorità intimata imbagħad teċċepixxi li l-artikoli 12 u 13 tad-direttiva 2002/20/KE ma japplikawx għall-każ odjern peress illi s-sistema ta' interċettazzjoni legali hija miżura meħuda mill-Istat sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tiegħu ta' sigurtà u għalhekk is-sistema ta' ġbir tal-flus għall-fond għall-interċettazzjoni legali mhijiex regolata mill-qafas tad-direttivi li jikkonċernaw r-regolamentazzjoni tan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, inkluż allura d-Direttiva 2002/20/KE.

Il-Qorti tqis illi l-intimata għandha raġun f'din l-eċċezzjoni tagħha. Id-Direttiva 2002/20/KE tirregola l-aċċess għas-swieq għan-*networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mal-Komunità Ewropea kollha , inkluż f' Malta, u dan kif jgħid l-ewwel *recital* tal-istess direttiva.

Id-Direttiva 2/2005 maħruġa mill-Awtorità intimata m'għandha x'taqsam xejn mal-aċċess għas-suq Malti tal-komunikazzjoni elettronika. Id-direttiva mhijiex timponi miżata jew ħlas amministrattiv għall-awtorizzazzjoni ġenerali sabiex intrapriża tibda topera fis-suq, kif inhu previst mill-artikolu 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE.

L-artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20/KE jikkoncerna strettament ħlasijiet amministrattivi relatati ma' awtorizzazzjoni ġenerali u mhux ma' kontribuzzjonijiet oħra li jistgħu jintalbu bħal ma huwa l-każ tal-lum. L-artikolu 13 huwa wkoll irrelevanti

għaliex isemmi drittijiet ta' użu ta' faċilitajiet. Il-kontribuzzjonijiet li kienu qed jiġu imposti fuq l-operaturi għas-sistema ta' interċettazzjoni legali ma jaqgħux fl-ambitu tal-limitazzjonijiet imposti mill-artikolu 12 jew 13 tad-Direttiva 2002/20/KE.

L-imsemmija artikoli tad-Direttiva 2002/20/KE huma intiżi sabiex jirregolaw dawk il-ħlasijiet amministrattivi u tariffi għad-drittijiet ta' installazzjoni ta' faċilitajiet li jistgħu jiġu imposti fil-konfront ta' intrapriżi fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika bħala kundizzjoni sabiex jingħataw awtorizzazzjoni ġenerali. Dawn m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' ħlas sabiex tiġi finanzjata sistema ta' interċettazzjoni legali operata mis-Servizz tas-Sigurtà. L-imsemmija artikoli 12 u 13 ma jeskludux il-poter tal-Awtorità li tesiġi ħlasijiet oħra fil-qasam tas-settur.

Id-Direttiva 2002/20/KE tistabbilixxi liema huma dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq operaturi sabiex jiġu awtorizzati joperaw fis-swieq tal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Id-Direttiva tal-Awtorità ma kienitx tikkonċerna kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ġenerali imma kienet tistabbilixxi kundizzjoni fil-forma ta' kontribuzzjonijiet li kellhom jagħmlu l-operaturi kollha fis-suq. In kwantu li dawn l-operaturi kienu jkunu diġà qegħdin joperaw fis-suq, loġikament isegwi illi l-imsemmija kontribuzzjonijiet ma kienux kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni ġenerali u allura ma jinkwadrawx ruħhom fl-ambitu tad-Direttiva 2002/20/KE. Għaldaqstant, id-direttiva tal-Awtorità ma tistax tkun ultra vires il-poteri tagħha għaliex in konflitt mad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea.

L-attriċi tagħmel riferenza wkoll għall-Anness li jagħmel parti mid-Direttiva 2002/20/KE. Skont dan l-Anness, il-kundizzjonijiet hemm elenkati huma l-uniċi kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati ma' awtorizzazzjonijiet ġenerali (Taqsima A), id-drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju (Taqsima B) u d-drittijiet għall-użu tan-numri (Taqsima C) kif imsemmija f'artikolu 6(1) u artikolu 11(1)(a) tad-direttiva. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet taqra hekk:

*"Kondizzjonijiet li jistgħu jiġi stipulati ma' awtorizzazzjoni ġenerali:*

*…*

*Tippermetti l-interċettar legali mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali b'konformità mad -Direttiva 97/66/KE u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' tagħrif personali u l-moviment liberu ta' dak it-tagħrif."*

Il-Qorti ttenni li l-kontribuzzjonijiet in kwistjoni mhumiex spejjeż inkorsi mill-Awtorità fil-ħidma regolatorja tagħha, imma huma spejjeż għall-iffinanzjar ta' sistema ta' interċettazzjoni legali, xi ħaġa li m'għandha x'taqsam xejn mal-ħidma regolatorja tal-Awtorità, u l-ebda parti mid-Direttiva 2002/20/KE ma tapplika għad-Direttiva 2/2005.

L-attriċi tikkontendi li ma hemm l-ebda Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea fejn l-intrapriżi awtorizzati huma kostretti jagħmlu pagamenti simili. Da parti tagħha, l-Awtorità intimata tirribatti li hemm mill-inqas tlett Stati Membri fejn intrapriżi huma kostretti jagħmlu kontribuzzjonjiet simili. Hu x'inhu l-każ, din il-Qorti tqis illi mhuwiex wisq rilevanti għal finijiet ta' din il-kawża in kwantu li kif diġà ntqal ma jirriżultax illi d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea, li abbażi tagħha l-attriċi tikkontendi li l-Awtorità intimata aġixxiet *ultra vires* meta ppublikat id-Direttiva 2/2005, iżżomm lill-pajjiżi membri milli jagħmlu liġijiet li jippermettu kontribuzzjonijiet simili.

Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-attriċi u l-intervenuti fil-kawża jikkwotaw kittieba awtorevoli fuq is-suġġett. Madanakollu, dawn jitkellmu dwar ħlasijiet amministrattivi fir-rigward ta' awtorizzazzjoni ġenerali, u kif diġà kkunsidrat, fil-każ tal-lum il-kontribuzzjonijiet mitluba ma kienux in konnessjoni mal-għoti ta' awtorizzazzjoni ġenerali.

Il-Qorti taqbel mal-Awtorità intimata meta fis-sottomissjonijiet tagħha tinnota li l-ebda waħda mid-deċiżjonijiet li jagħmlu riferenza għalihom l-attriċi u l-intervenuti fil-kawża ma tgħid li miżura meħuda mill-istat għall-ħlas ta' sistema ta'

interċettazzjoni legali hija invalida jew nulla għaliex tmur kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2002/20/KE. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li jagħmlu riferenza għalihom l-attriċi u l-intervenuti fil-kawża fin-nota tagħhom jirreferu għall-ħlasijiet amministrattivi inkorsi min-*national regulatory authorities* u ma jirrigwardawx is-suġġett ta' kontribuzzjonijiet għal sistema ta' interċettazzjoni legali. Dawn is-sentenzi allura mhumiex ghalhekk jigu meqjusa rilevanti.

L-attriċi u l-intervenuti fil-kawża jgħidu wkoll li r-Regolamenti li taħthom saret id-Direttiva 2/2005 saru bl-għan li tiġi implimentata d-Direttiva 2002/20/KE, fost direttivi oħra, u allura, li l-Awtorita ma tistax timponi ħlasijiet li mhux previsti fid-direttivi tal-Unjoni Ewropea. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatt illi r-Regolamenti jimplimentaw id-direttiva, ma jfissirx illi ma setgħux isiru regolamenti oħra, dment li ma jmorrux kontra dak li hemm dispost f'xi liġi tal-Unjoni Ewropea, u kif diġà ntqal, ma hemm xejn fid-Direttiva 2002/20/KE li jipprekludi lill-pajjiżi membri milli jitolbu lill-operaturi jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' sistema ta' interċettazzjoni legali.

Filfatt, id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru), li jagħmlu riferenza għalija l-intimati, speċifikament is-seba' *recital*, jaqra hekk:

> *"Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u tad-Direttivi Speċifiċi huma mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li kull Stat Membru jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-protezzjoni ta' l -interessi tiegħu ta' sigurtà , biex jissalvagwardja l -politika pubblika u s -sigurtà pubblika , u biex jippermettu l-investigazzjoni, l-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, nkluż it-twaqqif ta' awtoritajiet nazzjonali regolatorji ta' obbligazzjonijiet speċifiċi u proporzjonali applikabbli għall-provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi."*

Din il-Qorti lanqas ma jirriżultalha li kien hemm xi nuqqas ta' trasparenza jew proporzjonalità li ssarraf f'aġir *ultra vires* da parti tal-Awtorità intimata in kwantu li d-direttiva maħruġa minnha saret skont il-qafas legali tar-regolamenti viġenti, liema regolamenti ma jmorrux kontra l-ebda liġi tal-Unjoni Ewropea. L-Awtorità allura kellha l-*vires* sabiex toħroġ id-direttiva kontestata.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u tiċħad ukoll it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom.

Spejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà attriċi b'dan illi l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandha tħallas l-ispejjeż tas-sentenza preliminari tat-18 ta' Ġunju 2013 u l-intervenuti fil-kawża għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG